## STQARRIJA GĦALL-MEDIA

# Ir-reazzjonijiet tal-NCPE għall-Budget 2011

B'reazzjoni għad-Diskors tal-Budget 2011 li kien ippreżentat fil-Parlament nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tilqa' b'mod pożittiv l-istqarrija tal-gvern li jkompli jaħdem fuq materji relatati mal-ugwaljanza f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjiegi, speċifikament dawk relatati ma' miżuri favur il-familja, il-protezzjoni tal-individwi li jagħmlu użu minn dawn il-miżuri u r-ritorn fid-dinja tax-xogħol.

Dwar il-mira tal-gvern li jinħolqu aktar impjiegi, għandu jkun assigurat li proċeduri, għotjiet ta' benefiċċji u materji relatati, ikunu jħaddnu l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi biex tissaħħaħ l-ugwaljanza tal-benefiċjarji ta' dawn l-iskemi. Madanakollu, l-NCPE tapprezza l-bżonn ta' miżuri bħal dawn u taqbel li qed jingħataw importanza fil-Budget nazzjonali.

NCPE taqbel ukoll mall-investiment kontinwu fl-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa, il-pensjonijiet, il-qafas soċjali u l-investiment kapitali. B'referenza għall-bidla kontinwa fin-natura tax-xogħol kif deskritta fid-Diskors tal-Budget, l-NCPE tgħid li hi opportunità tajba ħafna li jerġa' jingħata taħrig dawk li jirritornaw lura fid-dinja tax-xogħol wara li jkunu għamlu użu minn miżuri favur il-familja. L-NCPE ttenni li l-istqarrija li l-intrapriżi *'jeħtieġu…ħaddiema flessibbli'* hi waħda mir-raġunijiet għaliex trid issir aktar enfasi fuq l-addozzjoni u l-implimentazzjoni xierqa ta' miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ta' flessibbilità fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant, il-bini ta' tliet ċentri tal-kura tat-tfal hu pass pożittiv għal aktar aċċess għal miżuri favur il-familja.

L-NCPE tapprova l-miżura li għal din is-sena tkompli tingħata wkoll *tax credit* ta' sena lin-nisa li jirritornaw lura fis-suq tax-xogħol. L-introduzzjoni ta' 15% kontribuzzjoni *pro-rata* wkoll tinkoraġixxi aktar nisa fl-ekonomija formali li hi ta' benefiċċju għalihom kif ukoll għas-soċjetà, l-aktar għal perjodu fit-tul.

L-NCPE tapprova wkoll li l-gvern mhux se jittollera diskriminazzjoni kontra ħaddiema barranin.

L-NCPE tilqa' wkoll li, kif imħabbar fid-Diskors tal-Budget, il-ġlieda kontra l-kanċer hi materja ta' prioritа̀ għall-gvern, kif ukoll li se jkun hemm estensjoni tas-servizzi ta' *screening* wara s-suċċess li nkiseb miċ-Ċentru tal-i*Screening* tas-Sider.

It-Tlieta 2 ta' Novembru, 2010